MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2006

Numru 77/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Malcolm Spiteri)**

**vs**

**Richard Southernwood**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom Richard Southernwood, ta’ 43 sena, iben Charles u Giovanna mitwielda Calleja, imwieled Sliema nhar l-10 ta’ Dicembru 1962, u li joqghod, Flat 5, Block 9, Trejqet ir-Regimenti Maltin, Pembroke u li ghandu l-karta tal-identita bin-numru 738362(M) gie akkuzat talli:

1. Nhar l-24 ta’ Jannar 2006 ghall-habta ta’ l-1000pm f’ Tal-Pieta’, dolozament, bil-hsieb li jidrob u jikkaguna feriti ta’ natura gravi lil PS 1437, u lil PC 1002 u PC 1606 gewwa tas-Sliema, wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta’ dan id-delitt billi saq karrozza b’mod perikoluz fid-direzzjoni ta l-istess PS 1437, PC 1002 u PC 1606, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali w indipendenti mill-volonta’ tieghu;

2. Ukoll talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, kellu fil-pusses u jew taht il-kontroll tieghu arma regolari u cioe’ mus bil-ponta u li jaqta’, kif ukoll zamm u garr l-istess arma li hija arma regolari minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

3. Ukoll talli injora is-sinjali tat-traffiku u baqa’ ghaddej minghajr ma waqaf waqt li d-dwal li jikkontrollaw it-traffiku kienu qed jimmarkaw ahmar bil-konsegwenza li pperikola is-sahha tan-nies li kienu ser jaqsmu t-triq;

4. U aktar talli gewwa l-Marsa saq kontra s-sinjali tat-traffiku u dahal kontra l-one way;

5. Kif ukoll talli gewwa l-Marsa, tal-Pieta’, Tas-Sliema, San Giljan u Pembroke huwa ma obdiex ordnijiet legittimi mahruga minn ufficcjali pubblici inkarigati mill-harsien tal-ligi u fl-istess hin irrezista l-arrest ta’ dawn l-istess ufficcjali billi harab mill-postijiet imsemmija meta nhargulu ordnijiet sabiex ma jsuqx;

6. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, saq l-imsemmija vettura b’sewqan eccessiv u b’manjiera traskurata, negligenti u perikoluza;

7. Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija minbarra li tinfliggi il-piena stabbilita skond il-Ligi, tordna is-sospensjoni ta’ kull licenza tas-sewqan tal-imsemmi Richard Southernwood ghal dak il-perjodu ta’ zmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq.

8. Il-Qorti giet ukoll mitluba li jekk jidhrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-imsemmi Richard Southernwood b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' flus skond l-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta' l-Avukat Generali esebit bhala Dok SMP1 u nnutat li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tallum l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Owen Bonnici, iddikjara li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat, fil-presenza tal-avukat difensur tieghu Dr Owen Bonnici, rega' wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 41(1)(a), 214, 216, 96 u 338(ee) tal-Kap. 9, l-artikolu 13(1) tal-Kap. 66, ir-Regolament 125 tal-A.L. 128/1994, ir-Regolament 2 tal-A.L. 94/1969, l-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 55 tal-Kap. 65 u it-Tieni Skeda tal-istess Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat Richard Southernwood, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza u il-fedina penali tal-imputat u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lill-imputat Richard Southernwood

ghall-piena komplessiva ta’ sentejn (2) prigunerija u mija u hamsin Liri Maltin (Lm150) multa u tordna li din is-Sentenza in kwantu ghall-piena ta’ prigunerija ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ erba (4) snin millum l-imputat Richard Southernwood jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 23 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tordna l-konfiska tal-oggetti esebiti bhala Dok SMP2.

Inoltre, il-Qorti, a tenur tal-artikolu 15(2) tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, tiskwalifika lill-imputat Richard Southernwood milli jkollu jew milli jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien sena millum.

Inoltre il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat Richard Southernwood b’obbligazzjoni personali ta’ Lm100 li jzomm il-kwiet ma’ PS 1437, PC 1002 u PC 1606 u li jzomm il-bon ordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Richard Southernwood l-ispjegazzjoni preskritta fl-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------